MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 454/2013

**Marie Louise Bonnici**

**vs**

**HSBC Bank (Malta) plc (C3177); u**

**Martin Thomas**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors mahluf ta' Marie Louise Bonnici li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

Il-kunsens tal-esponenti sabiex tagixxi bhala garanti solidali fuq il-kuntratt ta' self u garanzija datat l-10 ta' April 2008 (kopja anness bhala Dok A) li permezz tieghu l-Bank intimat ikkonceda self lill-intimat Martin Thomas ghas-somma ta' mija u tnejn u tmenin elf, sitt mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€182,622.87), kien karpit b'dolo u vizzjat a tenur tal-Artikoli 974 u 981 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta dovut partikolarment ghar-ragggiri ingannaturi u artifizji frawdolenti da parte tal-Bank intimat (sahansitra kif definit mill-Antolisei[1]).

L-agir tal-Bank intimat, li ikkundizzjona l-kunsens tar-rikorrenti li oggettivament kien il-qofol tas-sustanza, l-identità preciza u l-kwalità intrinska tal-accettazzjoni taghha sabiex tiffirma l-garanzija moghtija minnha, jikkostitwixxi b'mod lampanti l-element rikjest mill-Ligi sabiex jitqies null il-kunsens mehtieg ghall-validità ta' kuntratt u konsegwentement il-kuntratt innifsu[2].

Ir-rikorrenti sahansitra kienet avzat lill-Bank intimat illi d-debitur principali Martin Thomas kellu l-vizzju tax-xorb li kien

[1] ***Manuale Di Diritto Penale (Giuffre)*** *pg 356 – 'l-artifizio è ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni non esiste, sia dissimulando … cioé che esiste. Il raggiro… é un avvolgimenti ingenioso di parole, destiante a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verità …"*

[2] ***"Pietro Paolo Psaila et. Vs Salvatore Ciantar"*** *deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-30 ta' Gunju 1947 'min ghandu jiggudika biex jara jekk il-kwalità hijiex jew le sostanzjali ghandu necessarjament ihares u jindaga l-volontà u l-intenzjoni tal-partijiet'.*

wassal ghat-telf tal-impjieg tieghu fl-istess zmien li nghata s-self, u kien biss dovut ghar-raggiri ingannaturi tal-Bank intimat illi r-rikorrenti iffirmat il-garanzija de quo.

L-agir tal-Bank fil-konfront tar-rikorrenti kien wiehed zlejali u inkorrett li jikkostitwixxi ingann fil-konfront taghha meta zamm mistur il-fatt illi d-debitur principali ossija Martin Thomas, gja kellu djun kbar kemm mad-Dipartiment tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud, kif ukoll mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni (skond ir-rendikont anness bhala Dok. B), liema djun il-Bank kien gja jaf bihom u ghaldaqstant ir-rikorrenti kienet mehitega sabiex tagixxi bhala garanti stante illi l-awtoritajiet fiskali huma privileggjati *ope legis* qabel il-Bank.

L-esponenti iffirmat il-kuntratt suddett ukoll fuq il-weghda moghtija mill-Bank intimat illi l-garanzija moghtija minnha kienet ser tinqaleb ghal fuq Kevin Thomas ossija iben id-debitur principali, madankollu dan irrizulta li kien Black Listed mill-Bank qabel ma sar il-kuntratt tal-10 ta' April 2008, fatt marbut mal-morozità tieghu fil-pagamenti ta' self moghti ghax-xiri ta' vettura. Il-garanzija kellha tinqaleb, skond il-Bank intimat, f'perjodu qasir wara l-istess kuntratt, liema process qatt ma sar.

Il-Bank intimat tant accerta lir-rikorrenti illi l-garanzija taghha kienet wahda temporanja illi kienet sahansitra hallset deposit fuq penthouse fl-Imsida minghand certu Carmel Faccjol fit-13 ta' Marzu 2008 (kopja tac-cekk anness bhala Dok. C), ftit granet qabel il-kuntratt surriferit.

L-insistenza tal-Bank intimat sabiex ir-rikorrenti tiffirma bhala garanti kienet dovuta ghall-likwidità u integrità taghha li ergo kienet garanti idoneja li tinkwadra ruhha b'mod lampanti mar-rekwiziti tal-Artikolu 1931 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunsens tar-rikorrenti fuq il-kuntratt tal-10 ta' April 2008 gie karpit b'eghmil doluz da parti tal-Bank intimat u/jew li l-kunsens tar-rikorrenti fuq l-imsemmi kuntratt gie moghti bi zball dwar fatt li jaqa' fuq is-sustanza nnifisha tal-oggett tal-ftehim u/jew li l-kunsens tar-rikorrenti fuq l-imsemmi kuntratt kien karpit (a) b'dolo u vizzjat a tenur tal-Artikolu 974 tal-Ligijiet ta' Malta u (b) b'ingann maghmul mill-Bank intimat kif jitlob l-Artikolu 981(1) tal-Ligijiet ta' Malta li minghajru r-rikorrenti ma kienitx tiffirma.

2. Tiddikjara li l-istess kuntratt huwa null u minghajr ebda effett.

3. Konsegwentement jigi dikjarat rexis l-istess kuntratt ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

4. Bl-ispejjez kontra l-intimati illi minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' HSBC Bank Malta plc li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament it-talbiet tal-attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (kap. 16) tal-Ligijiet ta' Malta.

Minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-allegazzjonijiet huma vessatorji u t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici ghaliex assolutament mhux minnu li l-kunsens tal-attrici gie karpit b'"raggiri ingannaturi u artifizji frawdolenti da parte tal-bank intimat". Illi l-bank intimat dejjem agixxa kif suppost ai termini tal-ligi.

Marie Louise Bonnici kienet ilha tidhol garanti ghal diversi facilitajiet ta' Martin Thomas u dan dejjem ghamlitu konsapevolment u mhux bi zball. Din l-allegazzjoni saret biss meta n-negozju li gie garantit b'sigurtà fuq proprjetà komuni bejn Thomas Martin u Marie Louise Bonnici ma rnexxiex (Dok. HSBC 1 sa HSBC 4).

Mhux minnu li l-bank b'xi mod "zamm mistur" xi fatti u lanqas hu minnu li l-bank kien b'xi mod accerta lir-rikorrenti li "l-garanzija taghha kienet wahda temporanja". Tant hu hekk li fil-kawza fl-ismijiet HSBC Bank (Malta) plc vs. Martin Thomas et (rikors guramentat 938/11 AF) l-istess Marie Louise Bonnici l-ewwel ghamlet dawn l-allegazzjonijiet gravi u serji fl-eccezzjonijiet taghha u imbaghad, fil-kawza, li issa hija differita ghas-sentenza ma gabet l-ebda prova tal-allegati "raggiri ingannaturi u artifizji frawdolenti da parti tal-bank" u/jew xi prova ohra li b'xi mod tiggustifika dawn l-allegazzjonijet.

Fil-fatt il-kuntratt allegatament rizultat ta' "raggiri ingannaturi u artifizji frawdolenti da parti tal-bank" gie iffirmat fl-10 ta'

April 2008 u l-attrici ma hadet l-ebda passi in konnessjoni ma dan il-kuntratt anqas wara li l-istess bank beda proceduri sabiex jithallas fl-10 ta’ Gunju 2010 permezz ta’ ittra ufficcjali.

L-esponent jaf dawn il-fatti personalment wara ezami tad-dokumenti.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dokumenti.

Semghet lix-xhud Catherine Fenech.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Permezz ta’ din il-kawza Marie Louise Bonnici qed titlob lill-Qorti tiddikjara illi kuntratt li permezz tieghu hija dahlet bhala garanti ghal Martin Thomas huwa null ghaliex, skond ma tghid hi, l-kunsens taghha fuqu gie karpit b’ingann u bi zball. Il-Bank jeccepixxi l-preskrizzjoni.

Jirrizulta minn provi mhux kontrodetti illi l-kuntratt li dwaru qeghda tilmenta r-rikorrenti gie ffirmat fl-10 ta’ April 2008. Il-proceduri odjerni inbdew fl-10 ta’ Mejju 2013 u cioé hames snin u xahar wara l-iffirmar tal-kuntratt.

L-Art. 974 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

*"Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'egħmil doluż, ma jkunx jiswa."*

L-Art. 981 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

*"(1) L-egħmil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*

*(2) L-egħmil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat."*

L-Art. 1222 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

*"(1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, egħmil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn.*

*(2) Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza."*

Il-Kodici Civili (Art. 1223) imbaghad ikompli billi jipprovdi illi:

> *"(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta' żball, ta' egħmil doluż, jew ta' kawża falza, minn dak in-nhar li jinkixef id-difett.*

Ir-rikorrenti qeghda ssejjes il-lanjanza taghha fuq allegazzjonijiet diversi. Hija tallega kemm eghmil doluz kif ukoll zball. Ma gabet ebda prova dwar meta spiccat il-vjolenza jew inkixef l-izball.

Ma jirrizulta lill-Qorti ebda prova li qabel hames snin u xahar qatt ittiehdu xi proceduri gudizzjarji biex iwaqqfu d-dekors tal-perjodu preskrittiv.

L-ewwel att gudizzjarju imressaq fil-kuntest tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti kien precizament ir-rikors promotur ta' din l-azzjoni imressaq oltre hame snin wara l-kuntratt de quo.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' HSBC Bank Malta plc u tillibera lill-istess HSBC Bank Malta plc mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez jithallsu minn Marie Louise Bonnici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------